MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Numru. 1504/2007

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia u Sp Anthony Portelli)
vs
Clint Borg, iben Edwin, imwieled San Gwann fit-2 ta' frar, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer f'diversi lokalitajiet fit-8 ta' novembru, 2007 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom, u cioe' diversi 'memory cards' li l-valur

tagħhom jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) liema serq sar għad-dannu ta’ charles Peresso, id-diriġenti tal-United Parcel Service u/jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan  il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ frar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------